

# Ittri lil Marta ta' Joe Friggieri

Sa Donna Borg
Sa Sarah Ellul
Sa Amanda Tanti
Sa Jacqueline Tonna

Skola Sacred Heart, San Ġiljan



# Mistoqsija ta' Introduzzjoni

- Ġieli ġratilkom li tant kontu eċċitati li tirċievu xi ħaġa u qgħadtu tistennew lill-pustier?

© Borg-Ellul-Tanti-Tonna

# Titlu

- X'jiġikom f'raskom meta taraw dan it-titlu?
- X'tip ta' ittri jistgħu jkunu qed jintbagħtu lil Marta?



© Borg-Ellul-Tanti-Tonna

# L-Istorja fil-Qosor

- Niltaqgħu ma’ Marta li ta’ kuljum kienet tirċievi ittra mingħand persuna anonima
- L-ittri kienu jindikaw b’mod ċar li min kien qed jikteb kien qiegħed jinnutaha għax kien saħansitra jkun jaf xi tkun liebsa
- B’mod stramb, meta l-ittri kienu jaraw id-dawl, il-linka kienet tibda titfi u l-kliem jibjad u jisparixxi
- Naraw l-eċitament tal-misteru u anki l-biża’ li kien ikollha Marta qabel tiftaħ l-ittri
- Darba minnhom fl-ittra jkun hemm is-sentenza “Marta qed inpinġik”

© Borg-Ellul-Tanti-Tonna

- Darba tirċievi "Express" tgħid li l-kwadru lest u tistidinha tmur tarah fl-indirizz mogħti.
- Marta tmur tara l-kwadru u b'sorpriża kbira tara lilha nnifisha mpinġija eżattament kif kienet tkun qiegħda meta kienet tkun qed tistenna lil tal-posta
- Anki l-kuluri tal-pittura jibdew jitfu fid-dawl tax-xemx sakemm jgħibu għal kollox
- Lejn l-aħħar Marta ssir taf li l-pustier kien ukoll il-pittur u l-awtur tal-ittri
- Dan kollu tiskoprih meta hu kien leħaq siefer u ħa postu pustier ieħor imdaħħal fiż-żmien

© Borg-Ellul-Tanti-Tonna

# Ħsieb



- Dak li għan-nies komuni jitqies bħala xi ħaġa ta' rutina li l-pustier jiġi u jġiblek l-ittri ta' kull filgħodu, għal Marta kellu sinifikat.
- Naraw ukoll x'emozzjonijiet jista' jgħaddi minnhom il-bniedem waqt relazzjoni u kemm din tista' tkun ambigwa u xi drabi anki ta' ħsara

© Borg-Ellul-Tanti-Tonna

# Karattri



- Marta
- Il-pustier/il-kittieb anonimu/il-pittur
- It-tifla
- Il-pustier l-ieħor

© Borg-Ellul-Tanti-Tonna

# Marta

- Tixtieq l-imħabba
- Xtaqet l-attenzjoni
- Sensittiva kif naraw anki minn ċertu kliem: "Marta bdiet tibki u tolfoq"
- Pjuttost kurjuża
- Jista' jkun li kienet persuna pjuttost ta' waħidha u introverta

# Il-Pustier/pittur/kittieb

- Ta’ 23 sena, ismar, twil, b’ħarsa ta’ swied il-qalb f’għajnejh żoroq
- Identità misterjuża – kien pittur, kittieb, u pustier – diversi lati fil-personalità tiegħu
- Forsi mhux daqstant kuraġġuż – beża’ juri lil Marta min hu verament

© Borg-Ellul-Tanti-Tonna

# Il-pustier l-ieħor

- Niltaqgħu miegħu lejn l-aħħar
- Permezz tiegħu Marta setgħet tikkonkludi li l-pustier, il-kittieb u l-pittur kienu l-istess persuna
- Ta l-aħħar ittra lil Marta
- Kien differenti mill-ieħor fiżikament u jdaħħal element żgħir ta' umoriżmu

© Borg-Ellul-Tanti-Tonna

# It-tifla

- Kellha tnax-il sena u wriet il-pittura lil Marta
- Titkellem b'ton ta' kmand
- Iżżid l-element ta' misteru – x'ħin Marta daret, it-tifla ma dehritx aktar

© Borg-Ellul-Tanti-Tonna

# Ir-relazzjoni bejn Marta u l-pustier

- Storja ta' "mħabba" mhux tas-soltu
- Bejniethom għandna biss komunikazzjoni bil-miktub
- Relazzjoni li ma tiżviluppax
- Ma nafux x'sentimenti kellu għaliha u jekk kienx iħobbha jew le
- Li nafu hu li kien jaħseb fuqha għax kien jibgħatilha l-ittri kuljum
- Anti-klajmaks kbir għax dak li setgħet tibni ma' dan ir-raġel sfaxxa fix-xejn qabel beda.

  Tort ta' min?

  Tiegħu li telaq? Jew tagħha li ma indunatx li kienu l-istess persuna?

© Borg-Ellul-Tanti-Tonna



- Relazzjoni li kienet qed toħloq effett negattiv f’Marta: “bdiet tibki u tolfoq”
- Minkejja kollox, Marta xorta xtaqet ir-relazzjoni
- M’għandniex tmiem feliċi

© Borg-Ellul-Tanti-Tonna

# Il-mixja emottiva ta’ Marta

- Eċċitament u mistennija
- Dubji u kurżità
- Nuqqas ta’ interess
- Frustrazzjoni
- Diqa
- Biża’
- Konfużjoni
- Xewqa li ssib soluzzjoni
- Dispjaċir u diżappunt




© Borg-Ellul-Tanti-Tonna

# L-Istil

Narrazzjoni u deskrizzjoni minsuġin flimkien

- Narrattiv – rakkont ta' kif Marta kienet tistenna lil tal-posta kuljum biex inewlilha l-ittri u x'kien ifhem
- Deskrittiv – deskrizzjoni tad-dehra tal-pustier u ta' Marta meta bdiet tibki fl-aħħar

© Borg-Ellul-Tanti-Tonna

# L-element ta’ misteru u suspans

- L-ittri huma misterjużi u l-istess il-persuna li kienet tiktibhom (dan narawh anki mid-deskrizzjoni li jagħti tiegħu nnifsu)
- Lil Marta narawha dejjem bid-dubju u l-istess lill-qarrej.
- L-element ta’ inċertezza f’Marta narawh ukoll min-numru kbir ta’ mistoqsijiet li tistaqsi:
- “Mnejn kien ġabu? Min tahulu? Jew forsi kien jafu qabel u ma riedx juriha? F’dak il-każ għaliex ma riedx? X’kien qed iżommu? X’kellu x’jaħbi? U għaliex iddeċieda li juriha issa? X’logħba kien qed jilgħab?”
- L-użu ta’ frażijiet bħal: “... U l-ittri baqgħu ġejjin, dejjem bl-istess kliem u l-misteru jikber.”
- L-użu ta’ kliem li juru inċertezza (modalità epistemika) – “forsi”,
- L-użu frekwenti tal-kelma “donnu/donnha”

© Borg-Ellul-Tanti-Tonna

# L-element ta' misteru u suspans

- **Xi mistoqsijiet li jiġu f'moħħ Marta u f'moħħ il-qarrej:**
- Min kien qed jikteb l-ittri?
- Fejn kien jafha?
- Fejn siefer u għaliex?
- Għaliex qatt ma kellimha?
- X'kienu l-intenzjonijiet proprja tiegħu?
- Min kienet dik it-tifla u għaliex ma dehritx aktar?
- Għaliex l-ilwien tal-pittura ntfew u l-figura ma dehritx aktar?
- Għaliex Marta ma rnexxilhiex taqra l-aħħar ittra għax il-kliem intefa bix-xemx?

- Li nafu hu li il-pustier ma kienx parti mill-immaġinazzjoni ta' Marta għax li kieku l-pustier l-ieħor ma kienx jgħidilha li siefer

© Borg-Ellul-Tanti-Tonna

# L-element surreali

- Idaħħal element surreali qawwi
- Jilgħab bl-inspjegabbli u jippreżenta affarijiet li ma jiġrux kuljum u li jistgħu jitqiesu bħala sopranaturali:
- It-tifla li tisparixxi
- Il-linka li titfi mad-dawl
- Il-kuluri tal-pittura li jintfew

© Borg-Ellul-Tanti-Tonna

# Il-lessiku

- Il-kliem li diġà jkompli jżid l-atmosfera ta’ ansjetà u misteru. Apparti minn hekk, jispikka l-kulur iswed.

- Sikkina
- Ħarsa ta’ swied il-qalb
- Diqa
- Biża’
- Dlam
- Dmugħ
- Ċarruta sewda
- Ċarrtet l-envelopp bi snienha
- Kuritur mudlam
- Raġel ikrah

© Borg-Ellul-Tanti-Tonna

- It-temp ukoll iżid mal-element ta’ suspans u jindika x’jista’ jiġri (fallaċja patetika):

  “Kien is-Sibt, wieħed minn dawk il-jiem tal-ħarifa li juruk li x-xitwa waslet.” (qabel tirċievi l-ittra Express – pġ 43)

- Minkejja kollox, xorta jsib il-mod kif idaħħal element żgħir ta’ umoriżmu:

  “Naf li m’iniex sabiħ daqs l-ieħor. Imma xi trid tagħmel? Kulħadd b’xortih fid-dinja.”

© Borg-Ellul-Tanti-Tonna



# Termini Letterarji

- Similitudni:
- “qisha ħajjitha tiddependi minnha” – par 1, v. 3
- Epiżewski:
- Ftit, ftit... – par 1, v. 4
- Mistoqsijiet rettoriċi – pġ 42, par 5
- Anti-klajmaks – fl-aħħar tan-novella



© Borg-Ellul-Tanti-Tonna



# L-Ambjent

- M'hemmx indikazzjoni ta' post u żmien partikolari
- Tista' tkun qed tiġri wkoll barra minn Malta u tista' tkun ambjentata kemm fil-preżent kif ukoll fil-passat
- Hemm il-possibbiltà li hi ambjentata f'Malta u fil-passat minħabba li jingħad li l-pustier "siefer 'il bogħod" u normalment fl-antik, il-pajjiżi barranin kien jitqiesu bħala ħafna iktar imbegħdin minn kif inħarsu lejhom illum
- Il-mezz ta' komunikazzjoni (ittra tradizzjonali u mhux elettronika) jista' jwassal lil xi ħadd li jaħseb li hi ambjentata fil-passat.
- Madankollu, l-għażla tal-mezz ta' kitba jżid l-element ta' "romantiċiżmu"
- Għaliex din l-għażla ta' ambjent indefinit?
- \- l-għan tiegħu aktarx li ma kienx li jiddeskrivi ambjent imma li jiffoka fuq l-atmosfera u l-psikoloġija ta' Marta
- \- jindika li huma affarijiet li jistgħu jiġru lil kulħadd



© Borg-Ellul-Tanti-Tonna

# Interpretazzjonijiet possibbli

- Il-kliem li jisparixxi u l-kuluri li jintfew jistgħu jirrappreżentaw:

- In-nuqqas ta' stabbiltà u konkretezza fir-relazzjoni

- Jistgħu jirrappreżentaw il-karattru ambigwu tal-pustier – volatili, eskejpista, stramb u misterjuż

- Xorta jibqa' l-fatt li dawn l-affarijiet li ma tistax tispjegahom bil-loġika
- Kulħadd jista' jagħti l-interpretazzjoni tiegħu imma jista' jkun ukoll li l-intenzjoni tal-awtur kienet sempliċiment li joħloq element ta' misteru u jħawwad lill-qarrej eżattament kif l-ittri kienu jħawdu lil Marta



© Borg-Ellul-Tanti-Tonna

- Id-dawl – normalment huwa simbolu ta' ċarezza u nuqqas ta' dubju (eż: "rajt id-dawl"). Madakollu jista' jkun ukoll id-dawl li jagħmik.



# Diffikultajiet li jistgħu jiltaqgħu magħhom l-istudenti

- Il-fatt li m'għandhiex tmiem sabiħ u nuqqas ta' spjegazzjoni jista' jdejjaq lil xi wħud.
- Mistoqsijiet dwar kif il-linka tgħib mad-dawl. Madankollu dan iġegħilhom jaħsbu u joħorġu bl-interpretazzjonijiet tagħhom.
- Mhux kollha forsi jirnexxilhom jindunaw mill-ewwel li tal-posta u l-pittur huma l-istess persuna

© Borg-Ellul-Tanti-Tonna